TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Settembru, 2023**

**Talba Nru: CCT94/23/DS**

**Carmen Muscat**

**Vs**

**Portelli and Brincat Ltd.**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-13 ta' Gunju, 2023 fejn talbet illi s-soċjeta' intimata ssewwi l-*blind* illi hija xtrat pero' li wara ftit inqalgħet minn nofs fejn kienet inkullata u ma setgħetx tintuża u fin-nuqqas tiġi risarċita l-ammont li ħallset għaliha.

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolatx risposta u ghal din ir-raguni giet meqjusa kontumaci minn dan it-Tribunal;

Ra illi lanqas deher rappreżentant tas-socjeta intimata biex jippreżenta l-pużizzjoni tagħha waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti bil-ġurament.

## Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti kkonfermat it-talba tagħha taħt ġurament u żiedet tgħid illi jekk tibqa' ma titranġax il-blind hija għandha tiġi risarċita l-flus li nefqet biex xtratha. Galadarba s-soċjeta' intimata la għamlet risposta u lanqas bagħtet rappreżentant tagħha sabiex jagħti x-xhieda tiegħu il-verżjoni tar-rikorrenti m'hija bl-ebda mod kontradetta. Barra minn hekk il-verżjoni tar-rikorrenti hija korroborata min

evidenza dokumentarja illi ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi l-fatti graw hekk kif gie konfermat taħt gurament.

Illi it-talba tal-attriċi hija primarjament waħda sabiex issir it-tiswija neċessarja a spejjez tas-soċjeta' intimata liema talba m'hijiex primarjament *money claim*. Artiklu 20(1) tal-Kap 378 jagħti lit-Tribunal "ġurisdizzjoni li jaqta' talbiet magħmula minn konsumaturi kontra kummerċjanti meta l-valur tat-talba" ma jkunx iktar minn €5,000, "u meta t-talba jkollha x'taqsam.. max-xiri jew kiri ... jew l-għoti ta' servizzi". Imkien ma tipprojbixxi deċiżjonijiet li jimponu ordni "di fare" bħal dik mitluba mill-attriċi.

Illi għaldaqstant il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal ma tidhirx ristretta, bħalma hi tat-Talbiet Żgħar, fejn il-gurisdizzjoni permezz ta'Artikolu 3 tal-Kap. 380 hi limitata għal "talbiet kollha ta' flus" (fit-test Ingliz, money claims). F'dan il-kuntest issir riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Giuseppi Caruana vs Charles Psaila (21 ta' Marzu 1997)** u għaldaqstant ma jeżisti l-ebda ostakolu sabiex din it-talba tiġi kkunsidrata.

Illi t-Tribunal ulterjorment jinnota illi l-attriċi kemm il-darba provat tikkomunika mas-soċjeta' attriċi, rappreżentanti tal-istess soċjeta' jgħidulha illi kienu ser jiġu jaqduħa pero' ma jiġux u l-eżitu kien dejjem wieħed negattiv. Dan l-aġir ikkawża inkonvenjent ċar lill-attriċi illi jkun inġust illi jgħaddi inosservat.

**Ikkunsidra ulterjorment**

Illi f'Legislazzjoni Sussidjarja 387.01 Regoli dwar it-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumaturi, Regola 12.1 tgħid illi '**jekk l-intimat ma jattendix seduta, l-Arbitru jista' jiddeciedi t-talba kontra dak l-intimat;**

Illi f'Regolament 14.1 tal-istess Ligi Sussidjarja jingħad ukoll illi d-decizjoni dwar it-talba tista' ssir fi tmiem is-seduta;

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti provat il-każ tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħha għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tagħmel it-tiswijiet mitluba fi żmien gimgħa minn meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u fin-nuqqas l-attriċi għanda tiġi risarċita l-ammont ta' tlett mija u tlieta u għoxrin Ewro (€323) lill-attriċi kif ukoll jikkundanna

lill-istess soċjeta' tħallas is-somma ta' erbgħin Ewro (€40) lill-istess attriċi bħala danni morali għall-inkonvenjenza li kkawżatilha.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**